# Att vandalu
# fuq ir-Riserva Naturali Foresta 2000

## Masġar taż-Żebbuġ jinqered kompletament

Tul tmiem il-ġimgħa – x'aktarx bejn il-Ġimgħa u s-Sibt billejl – masġar taż-Żebbuġ magħmul minn 36 siġra nqered kompletament f'att vandalu li twettaq fir-Riserva Naturali Foresta 2000 fil-Mellieħa. Is-siġar, li kienu ngħataw b'donazzjoni minn Din l-Art Ħelwa u tħawlu aktar minn tmien snin ilu, inqatgħu kollha u s-suspett huwa li dawn ġew issegati b'serrieq tal-elettriku li jindika li dan l-att vandalu kien ippjanat.

L-inċident, li twettaq f'dan il-proġett ta' afforestazzjoni li huwa pubbliku, hu stmat li kkaġuna ħsarat li jammontaw għal madwar €3,600 f'danni u jsegwi numru ta' atti vandali li din ir-riserva naturali ta' BirdLife Malta sofriet fil-passat.

F'Settembru 2004, madwar 100 siġra nqalgħu mill-għeruq u saritilhom il-ħsara flimkien ma' għadd ta' ċnut u sinjali li hemm fir-riserva li hija kbira 104 ettari. Tul l-2006 fi tliet okkażjonijiet separati bejn Lulju u Settembru kien hemm diversi attentati ta' ħruq fis-sit li tħalla vandalizzat. F'Mejju tal-2007, 3,000 siġra oħra nqatgħu tul il-lejl. Aktar riċenti, f'April 2010, 104 siġriet saritilhom il-ħsara f'każ li wassal biex tliet kaċċaturi ġew ikkundannati u wara li appellaw ġew ordnati jħallsu multa ta' €12,229.35 kull wieħed għall-involviment tagħhom.

Apparti dawn l-atti vandali, f'każ separat f'April 2009 *ranger* safa fil-mira ta' tiri sparati fir-riserva u kellu jiddaħħal l-isptar.

Filwaqt li jidher ċar li l-attakk ta' tmiem il-ġimgħa li għaddiet fuq il-masġar hu attentat biex ifixkel il-ħidma ta' BirdLife Malta, finalment mhu xejn ħlief attakk kontra s-soċjetà u l-interess komuni li ħalla dannu sostanzjali f'sit ta' importanza ambjentali lokali li jilqa' fih varjetà ta' flora u fawna.

Il-pulizija ġew infurmati b'dan l-inċident.

Jekk tixtieq tgħin, tista' tappoġġja lil BirdLife Malta billi tagħti donazzjoni permezz tas-sit elettroniku tagħna: http://birdlifemalta.org/donate.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Tagħrif dwar Foresta 2000:
http://birdlifemalta.org/reserves/foresta-2000

Il-paġna ta' Foresta 2000 fuq Facebook:
https://www.facebook.com/Foresta2000/?fref=ts

**Ritratti mehmużin:**
1. Siġra taż-Żebbuġ li nqatgħet riċentement. Ritratt ta' Veerle van Werde
2. Il-masġar taż-Żebbuġ li ġie vandalizzat. Ritratt ta' Veerle van Werde

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://youtu.be/Y6d8VlTU9No**
- Filmati tal-att vandalu li twettaq fir-Riserva Naturali Foresta 2000 (Filmati u muntaġġ ta' Veerle van Werde)